**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 05 ta' Novembru, 2015**

**Rikors Nru: 1594/2015 AF**

**Union Haddiema Maghqudin**

**vs**

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C-48875) u**
**General Workers Union**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Union Haddiema Maghqudin li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih premessi, talbet lil din il-Qorti zzomm lill-intimati billi ikomplu u jippersistu fin-negozjati taghhom dwar ftehim kollettiv gdid ghall-haddiema tas-socjetà intimata, u milli jaghlqu u jiffirmaw tali ftehim kollettiv gdid ghall-haddiema tas-socjetà intimata, jew li taghmel kull ftehim li jkun, jew b'kull mod iehor ftehim dwar tibdil fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-haddiema tas-socjetà intimata.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat it-twegiba ta' General Workers Union li ghar-ragunijiet imfissra sostniet illi t-talba ghandha tigi michuda.

Rat it-twegiba ta' Malta Public Transport Services (Operations) Limited.

Semghet lid-difensuri.

Rat l-atti.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-procedura odjerna hija tappa ohra fl-iter ferm kombattut tal-vertenzi bejn il-partijiet, liema vertenzi fil-prezent ma jidhru li qeghdin jibbenefikaw la lill-partijiet, u lanqas lill-utenti tas-servizz li tipprovdi Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u General Workers Union.

Ikkunsidrat illi talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni hija regolata mill-Art. 873 tal-Kap. 12 li testwalment jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati rigward tal-interpretazzjoni ta' dawk il-provvedimenti tal-ligi huwa ben stabbilit. Gie ampjament elenkat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-27 ta' Jannar 2014 fir-rikors Malta Union of Bank Employees vs Bank of Valletta plc., li ghaliha din il-Qorti taghmel referenza.

Il-jedd ta' union li tirrapprezenta lill-imsiehba taghha u tiftiehem ma' employer ghan-nom taghhom huwa indiskuss. Indiskuss ukoll huwa l-principju illi l-ghazla tal-union li titkellem ghan-nom ta' impjegati partikolari titmexxa fuq binarji

strettament demokratici, principji dawn rikonoxxuti mill-ligijiet industrijali vigenti fil-pajjiz.

Fil-kaz in ezami, l-Union Haddiema Maghqudin ipprezentat elenku tal-haddiema ta' Malta Public Transport li huma registrati bhala membri taghha, b'total ta' 755 haddiem mill-1090 impjegat ta' Malta Public Transport Services. Dan iwassal lill-Qorti tqis li mad-daqqa t'ghajn, peress illi dan l-elenku ma gie b'ebda mod kontrastat b'elenku simili minn General Workers Union, l-Union Haddiema Maghqudin tidher li tgawdi l-appogg tal-bicca l-kbira tal-impjegati. Il-Qorti terga tenfasizza illi dan huwa biss ezami ta' dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. L-iskrutinju profond isir waqt il-process ta' verifikazzjoni skond il-ligi.

Stabbilit il-jedd *prima facie*, din il-Qorti tqis ukoll illi l-pregudizzju rekat lil dik il-Union li tgawdi maggoranza, li kieku tithalla tinnegozja u tiftiehem Union li ma jkollhiex jedd ghal tali rapprezentanza huwa ben evidenti, partikolarment in vista tal-fatt li ftehim kollettiv milhuq ma' Union normalment jibqa' vigenti ghal numru ta' snin.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad it-twegiba tal-General Workers Union, tilqa' t-talba ta' Union Haddiema Maghqudin u zzomm lil Malta Public Transport Services (Operations) Ltd u General Workers Union milli jkomplu u jippersistu fin-negozjati taghhom dwar ftehim kollettiv gdid ghall-haddiema tas-socjetà intimata, u milli jaghlqu u jiffirmaw tali ftehim kollettiv gdid ghall-haddiema tas-socjetà intimata, jew li jaghmlu kull ftehim li jkun, jew b'kull mod iehor jiftehmu dwar tibdil fil-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-haddiema tas-socjetà intimata.

Kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha.

IMHALLEF